OFFICE OF
THE COMMISSIONER
FOR REVENUE



## FORMOLI FS3 U FS7 GĦAS-SENA 2022

B'dina l-ittra qiegħed infakkrek biex tibgħat lill-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi d-dokumenti tal-aħħar tas-sena tal-FSS (formoli FS3 u FS7) għas-sena 2022.

Importanti li l-formoli FS3 u FS7 jintbagħtu mimlija b'mod korrett, u jaslu fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi mhux aktar tard mill-**15 ta' Frar 2023**. Formoli mibgħuta tard huma suġġetti għall-penali skont ir-regoli tal-FSS.

Tajjeb tkun taf li s-sottomissjoni ta' dawn id-dokumenti fil-ħin tista' tgħin biex l-impjegati tiegħek stess ma jkollhomx għalfejn jimlew il-formola tat-taxxa ta' kull sena, għalhekk il-kooperazzjoni tiegħek hija ferm apprezzata.

### Kif għandhom jintbagħtu dawn id-dokumenti

**Jekk ser tibgħat aktar minn 9 formoli tal-FS3, int obbligat tibgħat id-dokumenti bis-servizz Online provdut mid-Dipartiment.** Għal aktar tagħrif inti tista' tidħol fil-websajt tad-dipartiment www.cfr.gov.mt. jew tmur direttament fil-*link* https://cfr.gov.mt/en/eServices/Pages/IRD-Services-Online-Employers.aspx. Tista' ukoll iċċempel 144 (*Business First*) jekk tixtieq issaqsi mistoqsijiet fuq dan is-servizz.

Kulma għandek bżonn huwa l-**e-ID** (*Electronic I.D*) li tista' takkwista billi ċċempel lil *Identity Malta Agency*, fuq in-numru 2590 4300 u tapplika għal dan is-servizz mad-dipartiment permezz tal-formola CFR03 li titniżżel mill-websajt tagħna. Inti wkoll tista' tawtorizza *tax practitioner* sabiex jissottometti d-dokumenti f'ismek billi jintuża s-servizz tas-CFR02.

F'każ li n-numru ta' formoli tal-FS3 hu anqas minn 10, tista' tibgħat id-dokumenti b'mod manwali. Jekk tuża dan il-metodu jkun meħtieġ li d-dokument tal-FS7 ikun *barcoded* biex l-ipproċessar tal-informazzjoni jsir b'mod aktar effiċjenti u korrett.

### Dettalji ta' persuni barranin fl-FS3

Irid jiġi enfasizzat illi n-numru tat-taxxa, kif ukoll in-numru tal-I.D u tal-passaport barrani ma huwiex validi għall-iskop biex timtela l-formola tal-FS3. Fil-formola tal-FS3 għandu jintuża jew in-numru tal-ID li jispiċċa bl-ittra 'A' (li jinsab fuq wara tal-karta tal-identità maħruġa minn Identità Malta) jew in-numru tar-reġistrazzjoni tat-taxxa maħruġ mill-Kummissarju tat-Taxxi li jibda bin-numri 66 jew 62.

### Verifika tal-informazzjoni mibgħuta

Kull informazzjoni mibgħuta tiġi verifikata, u informazzjoni żbaljata jew mhix kompluta tirrendi d-dokumenti invalidi. Dawn jintbagħtu lura u jitqiesu li ma ntbagħtux, sakemm dawn jaslu lura kompluti u korretti.
**Aktar informazzjoni dwar ir-rati u kif tikkalkula l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali u għall-Fond tal-leave għall- Maternita` tista' żur il-websajt www.cfr.gov.mt.**

### Sottomissjoni tal-FS3 f'każijiet ta' żwieġ jew unjoni ċivili

F'każ li xi impjegat jew impjegata javżaw li matul is-sena kellhom xi bidla fl-istat ċivili tagħhom (eżempju żwieġ jew unjoni ċivili), u dik il-persuna tagħżel li ma tkunx il-'konjuġi responsabbli' għall-fini tal-liġi tat-taxxa, iridu jintlew żewġ formoli tal-FS3 bil-figuri maqsuma skont il-każ.

Jekk per eżempju il-konjuġi li mhux 'il-konjuġi responsabbli' żżewweġ/żżewġet f'Settembru, iridu jsiru 2 formoli FS3 li jkopru l-perjodi (1) minn Jannar sa Settembru bħala persuna waħedha (bin-numru tal I.D tal-konjuġi imħalli barra) u (2) minn Ottubru sa Diċembru bħala persuna miżżewġa (bin-numru tal-I.D tal-konjuġi imniżżel fl-ispazju relattiv).

Mill-banda l-oħra, l-Fs3 tal-impjegat/a li se tkun il-konjuġi responasabbli trid tibqa' sħiħa.

- Ma jiġux aċċettati aktar minn FS3 waħda dwar l-istess persuna taħt l-istess numru ta' PE fl-istess sena (ħlief fil-każ imsemmi fil-paragrafu ta' hawn fuq). Dan jgħodd anki għal min jibgħat l-informazzjoni b'mod elettroniku. Jiġifieri jrid ikun hemm linja waħda għal kull individwu fil-"file F3". Xorta tkun trid tintwera aktar minn linja waħda fil-"file SS" f'każ li l-paga bażika jew il-kategorija jkunu nbidlu matul is-sena.

- F'każ li d-dħul minn impjieg part-time jaqbeż €10,000 f'sena, il-kumplament tal-emolumenti jridu jiġu ddikjarati bħala dħul "prinċipali" fl-istess FS3. It-taxxa bil-10% trid tinqasam ukoll bl-istess mod (jiġifieri sa massimu ta' €1,000 taxxa fuq *income* part-time).

- Fil-każ ta' koppja li tkun isseparat, trid issir formola waħda FS3 li tkopri s-sena kollha minn Jannar sa Diċembru għal kull persuna, u li fiha jintużaw ir-rati ta' persuna waħedha (*single rates*).

**Taxxa fuq xogħol Part-Time**

Infakkruk li f'każ ta' koppji miżżewġa fejn persuna minnhom għandha impjieg prinċipali, u l-parti l-oħra għandha impjieg *part-time,* trid tkun tħallset il-10% taxxa fuq l-emolumenti *part-time* biex l-impjegati jibbenefikaw minn dan il-benefiċċju.

Dawn il-pagamenti jridu jitħallsu minnek sal-aħħar ta' Jannar 2023 (jiġifieri mal-FS5 tax-xahar ta' Diċembru 2022).

Ftakar ukoll li fost il-kundizzjonijiet li hemm fir-Regoli dwar Xogħol *Part-Time,* l-impjegat irid ikun irreġistra x-xogħol *part-time* mal-Jobsplus u li l-*employer* tal-*part-time* ma jkunx iħaddem l-istess impjegat fuq bażi *full-time*.

**Rigward '*fees*' u ħlasijiet simili li jsiru lil membri tal-Bord ta' Diretturi ta' kumpanniji jew lil membri ta' bordijiet ta' korporazzjonijiet pubbliċi imwaqqfa bil-liġi dawn ma jikkwalifikawx għal tnaqqis ta' 10% fuq xogħol *part time*.**

**F'każ li waqaft milli timpjega**

Jekk matul din is-sena inti waqaft milli timpjega ħaddiema miegħek, għandek titlob immedjatament lill-Kummissarju biex tiġi direġistrat. Biex tagħmel dan int obbligat li:

a) tagħti dikjarazzjoni ta' qligħ (FS3) lill-impjegati kollha tiegħek;
b) tħallas lill-Kummissarju kull tnaqqis ta' taxxa li jkun dovut kull xahar, u tinkludi l-ħlas mal-FS5;
c) tippreżenta lill-Kummissarju l-formoli FS7 u FS3 tal-impjiegi li jkunu ġew terminati;
d) tibgħat il-formola tad-direġistrazzjoni permezz tas-Servizz Onlajn.

Il-formoli tal-FS3 u FS7 għandhom jintbagħtu mehmuża sew (mhux sfużi jew imwaħħla bi *clip*). Kull ħlas addizzjonali m'għandux jintbagħat mal-formoli tal-FS3/FS7, iżda għandu jintbagħat jew mal-formola rispettiva tal-FS5 jew inkella jekk ikun hemm bilanċ dovut meta tkun qed timla l-FS3 / FS7 b'formola FS5 addizzjonali għal Diċembru .

Kummissarju tat-Taxxi

Note: An English version of this circular is available on the Commissioner for Revenue website: http://www.cfr.gov.mt

**Rappurtar ta' *part-time* u sahra fid-dokumenti tal-FSS mill-1 ta' Jannar 2022.**

Hekk kif tħabbar fil-Baġit għall-2022, sar tibdil dwar id-dħul kwalifikanti u t-taxxa fuq sahra u xogħol *part-time*.Għaldaqstant min iħaddem għandu jiżgura li jikkonforma ruħu mal-bidliet imħabbra hekk kif elenakati hawn taħt:

- It-taxxa fuq id-dħul part-time kwalifikanti għandha tiġi aġġustata għal 10%, fejn it-taxxa fuq xogħol *part-time* li tiġi rrapportata fuq dawn l-emolumenti ma tkunx aktar minn €1,000. Kwalunkwe emolumenti u taxxa addizzjonali għandhom jiġu rrappurtati bħala dħul "ewlieni";

- L-emolumenti massimi tas-sahra li jikkwalifikaw ma jistgħux ikunu aktar minn €10,000, bit-taxxa massima relattiva ta' 15% fuq is-sahra tkun ta' €1,500. Kwalunkwe sahra li ma tikkwalifikax jew ammonti li jaqbżu l-limitu ta' €10,000 għandhom jiġu rrapportati u ntaxxati bill-Metodu Ewlieni ta' Tnaqqis;

- Ir-rappurtar tas-sigħat ta' sahra kwalifikanti fil-formoli FS3 għandu jibqa. Madankollu, mill-01/01/2022, tneħħa l-limitu kurrenti ta' 100 siegħa.

Minn iħaddem għandu jiżgura ruħu li qiegħed juża l-aħħar dokumenti tal-FSS aġġornati bit-tibdiel imsemmi hawn fuq.

L-*Electronic Lodgement Specifications* ġew wkoll aġġornati biex jirriflettu dan it-tibdiel.

Għal aktar informazzjoni tista' tikkuntatjana fuq in-numru tat-telefon 144 jew fuq e-mail fss.cfr@gov.mt

Kummissarju tat-Taxxi

Note: An English version of this circular is available on the Commissioner for Revenue website: http://www.cfr.gov.mt